Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SITT KUNSILL

19 ta' Ottubru 2011

**Il-Wieħed u Sittin seduta tas-Sitt Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2011 fis-7.00 pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. *Resurfacing* ta' toroq permezz ta' *Public Private Partnership*
6. Konkors – Sportivi Melleħin tas-Sena
7. Mozzjoni dwar l-impjieg ta' uffiċjal fi Skala 15 mas-segretarjat tal-Kunsill
8. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2011

Materji Oħra

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONI

7. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi l-Artiklu 34 (b) tal-Att XVI tal-2009 li emenda l-Att dwar Kunsilli Lokali jipprovdi li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jista', wara li ssir talba ġustifikata u bl-approvazzjoni tal-Ministru, jawtorizza l-impieg tal-persunal klerikali aktar mil-limiti stabbilit mil-liġi;**

**Billi wara talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ingħata permess skont ittra datata 16 ta' Settembru 2009, sabiex jiġi mpjegat ir-raba' uffiċjal fi Skala 15 – wieħed 'il fuq mil-limitu stabbilit fir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali Riżorsi Umani; u**

**Billi saret sejħa interna fost il-Kunsilli Lokali kollha, kif ukoll saru tliet serje ta' intervisti mill-Bord tal-Għażla fost persuni li ġew indikati mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u t-Taħriġ (Ref: 203157);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jaddotta r-rakkomandazzjoni tal-Bord u jiġi ffirmat kuntratt indefinit mas-Sur Jonathan Micallef ta' 46, 'Clivia Flats', Triq it-Turisti, Qawra, San Pawl il-Baħar, b'effett mill-1 ta' Novembru 2011, skond il-provedimenti ta' u l-Avviż Legali 127 tal-1998.". (P/7/1/Vol VIII)**

Robert Cutajar - **Sindku**
Proponent

John Buttigieg - **Kunsillier**
Sekondant